MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2005

Numru. 690/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Walter Spiteri)**

**Vs**

**Mark Bonnici ta' 29 sena, bin Carmelo u Therese nee` Caruana, imwieled iz-Zejtun fl-4 ta' Marzu, 1975 u residenti 36, 'Charles Tes' Triq is-Siniskal, Zejtun, ID card no. 154975(M)**

**Simon Zammit ta' 20 sena, bin Salvu u Pauline nee` Farrugia, imwieled Pieta` fit-3 ta' Awissu, 1984 u residenti 'Tal-Grazzja', Triq id-Dejma, Zejtun, ID card no. 389884(M)**

**Emanuel Zammit ta' 18 il-sena, bin Salvu u Pauline nee` Farrugia, imwieled il-Pieta` fit-12 ta' Dicembru, 1986 u residenti 'Tal-Grazzja', Triq id-Dejma, Zejtun, ID card no. 1687(M)**

**Marco Zahra ta’ 17 il-sena, bin George u Theresa nee` Zammit, imwieled il-Pieta nhar it-28 ta’ Marzu 1987 u residenti no 1, Triq Hal Tarxien, Zejtun ID card no. 173787(M)**

**Clint Saliba ta’ 15 il-sena, bin Anthony u Mary nee` Zammit imwieled il-Pieta` fis-27 ta’ Marzu 1989 u residenti ‘MarTon House’, Triq John Borg, Zejtun ID card no. 167689 (M).**

**Illum 2 ta’ Novembru, 2005**

Il-Qorti.

Rat l-akkuza migjuba kontra Mark Bonnici, Simon Zammit, Emmanuel Zammit, Marco Zahra u Clint Saliba u cioe` talli gewwa Hal-Far fl-20 ta’ Jannar, 2005 f’xi hin fil-ghaxija ikkommettew serq ta’ 34 cestun tal-plastik li l-valur taghhom jeccedi Lm100 izda anqas minn Lm1000, mill-fabrika ‘Polo D’Oro’ sitwata gewwa Hal-Far, limiti ta’ B’Bugia ghad-detriment tas-sidien u likwiditaturi ta’ l-imsemmija fabrika, liema serq hu kwalifikat bil-valur u hin.

Akkuzati ukoll talli fl-24 ta’ Jannar, 2005 u fil-jiem ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer xjentement laqghu ghandhom, jew xtraw 34 cestun tal-plastik u ndahlu biex ibieghhuhom jew imexxuhom, liema cestuni kienu akkwistati b’serq.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex din il-kawz tigi trattata bil-procedura sommarja.

Rat l-artikoli 261, 262, 263 u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ malta.

Rat il-Fendini Penali tal-imputati.

Rat l-ammissjoni taghhom ghar-reati hawn fuq imsemmija.

Tapplika l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 u fil-konfront ta’ Mark Bonnici, Simon Zammit, Emmanuel Zammit u tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jghamlux reat iehor fi zmien sentejn mill-lum u lil Marco Zahra u Clint Saliba

tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlu reat iehor fi zmien sena mill-lum u in kwantu dawn it-tnejn ta' l-ahhar ghadhom minorenni.

Il-Qorti tilliberahom mill-akkuza ta' ricettazzjoni in kwantu din hija kompriza u involuta fl-ewwel akkuza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------